MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 476/2006

Carmel **AQUILINA** f'ismu proprju u għan-nom tal-ażjenda
*C & V Aquilina*

vs

Michael **BORĠ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-26 ta' Mejju, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *proprio* u *nomine* talab li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fil-*Container Storage Depot* f'Ħal Far fit-13 ta' Settembru, 2005, bejn il-vettura tal-għamla *Volvo* reġistrata CHQ-097 u li dak il-ħin kienet misjuqa minn Charles Aġius u l-*fork-lifter* reġistrat EAC-801 misjuq mill-

istess imħarrek, u dan minħabba t-traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tas-sewqan min-naħa tal-istess imħarrek; (b) tillikwida, jekk meħtieġ bl-għajnuna ta' perit imqabbad minnha, d-danni li huwa ġarrab fl-imsemmi inċident bi ħtija tal-imħarrek fis-somma ta' tmint elef mitejn u tmienja u tletin liri Maltin u disgħa u sebgħin ċenteżmi (€ 8,238.79)[1] jew kull somma oħra; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrek iħallsu s-somma hekk likwidata bħala danni, flimkien mal-imgħaxijiet minn dak inhar li l-imħarrek laqa' n-notifika tal-atti tal-kawża. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Ġunju, 2006, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur *proprio* u *nomine* dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek fl-20 ta' Ġunju, 2006, li biha laqa' għat-talbiet attriċi billi ċaħad li huwa jaħti għall-ħabta bejn iż-żewġ vetturi għal liema ħabta jgħid li kien jaħti Charles Aġius, is-sewwieq tal-vettura tal-attur. Jiċħad għalhekk li hemm xi danni li huwa jrid jagħmel tajjeb għalihom, kif irid l-attur *proprio* u *nomine*. Itemm jgħid li, f'kull każ, l-ammont ta' danni li jippretendi l-attur *proprio* u *nomine* huwa mġebbed u eżaġerat għall-aħħar;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Awissu, 2006[2], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-lista ta' kawżi ta' qabel is-seduta (*pre-trial*) mmexxija mill-Assistent Ġudizzjarju tagħha l-Avukat Maria Dolores Gauċi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attur *proprio* u *nomine* (reġistrata)[3];

[1] Li jġibu € 19,191.22 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 25 tal-proċess
[3] Paġġ. 167 sa 170 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Jannar, 2010[4], li bih tat żmien lill-imħarrek biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu permezz ta' Nota ta' Osservazzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-3 ta' Mejju, 2010[5], bi tweġiba għal dawk magħmulin mill-parti l-oħra;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmulin b'replika mill-avukat tal-attur *proprio* u *nomine*;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Novembru, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni wara ħabta bejn żewġ vetturi. L-attur huwa s-sid ta' ditta ta' burdnara li għandha trakk li, fit-13 ta' Settembru, 2005, kien involut f'ħabta ma' *fork-lifter* misjuq mill-imħarrek fl-ambjenti tal-*Container Storage Depot* f'Ħal Far. L-attur *proprio* u *nomine* jgħid li l-imħarrek waħdu jaħti għal dik il-ħabta u jistenna li dan jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab minħabba f'hekk;

Illi l-imħarrek jilqa' għal din l-azzjoni billi jgħid li l-ħtija tal-ħabta kienet ta' Charles Aġius li kien qiegħed isuq it-trakk tal-attur u għalhekk m'għandu jagħmel tajjeb bl-ebda mod għall-ħsarat li ġarrab dak it-trakk. Iżid jgħid li, f'kull każ, id-danni li qiegħed jippretendi l-attur huma eżaġerati;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur huwa burdnar u jmexxi d-ditta *C & V Aquilina*. Dik id-ditta hija s-sid, fost oħrajn, ta' trakk tal-għamla *Volvo F12* reġistrat CHQ-097, li ħareġ fuq it-triq fl-1989. F'xi ħin wara nofs inhar tat-13 ta' Settembru, 2005, it-trakk kien qed jinsaq minn wieħed Charles Aġius, lavrant tal-

[4] Paġ. 171 tal-proċess
[5] Paġġ. 172 – 7 tal-proċess

imsemmija ditta, fl-ambjenti tal-*Container Storage Depot* f'Ħal Far. Kif kien għaddej bejn ir-ringieli tal-*containers* li kienu stivati, ntlaqat minn waħda mill-frieket mgħollijin tal-*fork-lifter* tal-għamla *Caterpillar*, reġistrat EAC-801, li dak il-ħin kien qiegħed jitħaddem mill-imħarrek, u li ħareġ min-naħa tal-lemin tat-trakk[6]. L-imħarrek kien impjegat ma' ditta oħra ta' burdnara bl-isem ta' *Francis Żammit Brothers*;

Illi waħda mill-frieket tal-*lifter* nifdet ir-*radiator grille* tat-trakk u ġabet ħsara f'xi partijiet mill-makna[7]. Dak il-ħin li seħħet il-ħabta, kien hemm żiemel ta' trakk wieqaf fuq in-naħa tal-lemin tat-trakk misjuq minn Aġius u li minn warajh ħareġ il-*lifter* imħaddem mill-imħarrek. L-imħarrek kien qiegħed iħaddem il-*fork-lifter* biex iħott *container* minn fuq dak it-trakk[8];

Illi jumejn wara l-ħabta sar eżami tat-trakk tal-attur minn *surveyor* imqabbad mill-assikuratur tal-*fork-lifter*[9] fil-preżenza tal-istess attur[10]. It-trakk tal-attur dam wieqaf sa Ottubru, sa ma ssewwa. It-tiswija saret bil-bdil tal-partjiet imħassra, li wħud minnhom kellhom jinġabu minn barra filwaqt li oħrajn saru hawn Malta, u kif ukoll xogħol ta' *spray-painting*. Sakemm it-trakk dam ma jitħaddimx, l-attur *proprio* u *nomine* kera żiemel ta' trakk ieħor mingħand ditta f'Malta. Il-kirja damet sebgħa u tletin (37) jum bi ħlas ta' erbgħa u tmenin lira Maltin u erbgħa u sebgħin ċenteżmi (Lm 84.74)[11] għal kull jum tal-kirja[12];

Illi f'Ottubru tal-2005, l-attur *proprio* u *nomine* bagħat jitlob lill-imħarrek jersaq għall-ħlas tad-danni, u f'Mejju tal-2006, fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u> jibda biex jingħad li l-Qorti tqis li huwa siewi ħafna li wieħed jistabilixxi d-**dinamika tal-inċident**. Dan jingħad għaliex, bħalma bosta drabi jiġri f'inċidenti

[6] Dok "ES", f'paġ. 51 tal-proċess
[7] Ara Dokti "JM2" sa "JM7", f'paġġ. 126 sa 131 tal-proċess
[8] Affidavit tal-imħarrek f'paġ. 74 *tergo* tal-proċess
[9] Dok "JM1", f'paġ. 125 tal-proċess
[10] Xhieda ta' Joseph Muscat 3.11.2008, f'paġ. 140 tal-proċess
[11] Li jġibu € 197.40 fi flus tal-lum
[12] Dok "NB", f'paġ. 64 tal-proċess

bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet imdaħħlin fil-każ ikunu x'aktarx differenti minn ta' xulxin, u miżjuda b'doża qawwija ta' interpretazzjoni suġġettiva ta' dak li jkun seħħ tassew. Minbarra dan, fil-każ tal-lum, il-ħabta ma seħħitx fuq triq pubblika, iżda f'wesgħa ta' bitħa fejn jinħażnu u jitgħabbew il-*containers* u bejn żewġ vetturi li kienu fuq il-post għal raġunijiet ta' xogħol marbutin ma' tagħbija. Fit-tielet lok, l-attur *proprio* u *nomine* ma kienx qed isuq it-trakk tiegħu, li dak il-ħin kien qiegħed jinsaq minn wieħed mil-lavranti tiegħu u għalhekk il-verżjoni tiegħu tinbena fuq x'sema' jingħad u mhux fuq x'ra hu;

Illi fil-qofol, iżda, jidher li l-ħabta seħħet meta t-trakk misjuq minn Charles Aġius (il-lavrant tal-attur) u l-*fork-lifter* imħaddem mill-imħarrek, ħabtu billi l-furketta x-xellugija tal-istess *fork-lifter* nifdet il-gradilja tar-*radiator* tal-imsemmi trakk. Il-*fork-lifter* kien ħiereġ minn wara żiemel ta' trakk b'*container* fuqu u ġie quddiem it-trakk tal-attur *proprio* u *nomine*. Is-sewwieq tat-trakk ipprova jżomm it-trakk imma ma seħħlux jieqaf qabel saret il-ħabta. Huwa ċar ukoll li l-*fork-lifter* ma laħaqx ħareġ għall-kollox 'il barra faċċata tat-trakk, għaliex il-ħabta saret b'furketta waħda tiegħu u mhux bit-tnejn li huma, kif wieħed kien jistenna li kieku l-ħabta kienet waħda frontali. Jirriżulta wkoll li l-ħabta seħħet matul il-jum meta d-dawl tax-xemx kien fl-aqwa tiegħu;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet fattwali li saru, jitnisslu żewġ kunsiderazzjonijiet. L-ewwel waħda hija l-kwestjoni tal-apprezzament tal-verżjonijiet tal-partijiet. Minn din, wieħed jimxi għall-kwestjoni tal-ħtija ta' dak li seħħ. It-tieni waħda hija l-kwestjoni tal-entita' tad-danni mitluba mill-attur *proprio* u *nomine*;

Illi għar-rigward tal-**kwestjoni tal-apprezzament tal-provi**, huwa prinċipju stabilit fil-qasam tal-inċidenti tat-triq li, fejn il-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża jkunu tali li ma jaqblu f'xejn jew inkella b'mod estensiv, il-Qorti triq tqis liema waħda minn tali verżjonijiet hija l-aktar waħda attendibbli u toqgħod magħha. Huwa biss fejn il-Qorti ma tkunx tista' tasal għal konvinċiment partikolari favur verżjoni l-waħda jew l-oħra li, bħala regola, għandha tqis li

ż-żewġ partijiet jaħtu ndaqs għall-inċident li jkun[13]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba ż-żewġ verżjonijiet ikunu tali li jistgħu jitqiesu plawsibbli u ta' min joqgħod fuqhom mingħajr ma tkun tispikka xi ċirkostanza oħra dominanti li tikkonvinċi l-fehma tal-Qorti lejn naħa jew l-oħra, hemmhekk il-Qorti tkun trid iddur lejn ir-regola li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tinġabx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir[14];

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża (jiġifieri lil hinn mill-interpretazzjoni nnifisha mogħtija mill-partijiet) jirriżulta li t-trakk kien għadu kif daħal fil-bitħa (il-wesgħa tal-ħażna) u kien sejjer lejn il-parti mnejn kellu jgħabbi l-*container* b'ħeffa ta' bejn tletin u erbgħin kilometru (30/40 km/s) fis-siegħa[15]. Għalkemm tassew kien hemm *containers* stivati fuq kull naħa tal-medda mnejn kien qed jinsaq it-trakk, kien hemm wisgħa biżżejjed biex żewġ vetturi li jkunu jinsaqu faċċata ta' xulxin setgħu jimxu bla xkiel. Jirriżulta[16] li, fuq in-naħa l-oħra (tal-lemin) tat-trakk, kien hemm wieqaf żemel ta' trakk ieħor bi *trailer* mgħobbi fuqu li kien jgħatti lill-*fork-lifter* misjuq mill-imħarrek li, dak il-ħin, kien ħiereġ minn wara dak iż-żiemel. Is-sewwieq tat-trakk żamm mal-ħmistax-il metru (15m) 'l barra mil-linja tal-*containers* stivati fuq ix-xellug tiegħu[17]. Kien is-sewwieq tat-trakk li applika l-*brakes* biex jipprova jieqaf, imma dik il-manuvra ma swietx biex ma ssirx il-ħabta;

Illi, min-naħa l-oħra, jirriżulta li, l-imħarrek ħareġ minn wara ż-żiemel tat-trakk bla ma għamel sinjal u waqaf 'il barra mill-istess żiemel meta ra t-trakk tal-attur ġej lejh. Ħareġ minn wara vettura oħra bil-frieket tal-*lifter* merfugħa xi ftit 'il fuq diġa' bil-ħsieb li "jiffranka daqsxejn mid-diesel"[18] u l-ħin biex jibda jħott il-*container* li kien hemm fuq dak iż-żiemel. Beda jagħmel il-manuvra tal-ħruġ fuq il-

---

[13] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**); u App. Inf. **22.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Agency Limited noe et vs Carmel Vella Clark***

[14] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon***

[15] Xhieda ta' Charles Aġius 3.11.2006, f'paġ. 36 tal-proċess

[16] Xhieda ta' *Warden* Eric Sciberras 29.1.2007, f'paġ. 66 tal-proċess

[17] Dok "ES", f'paġ. 51 tal-proċess

[18] Xhieda tiegħu 25.2.2008, f'paġ. 87 tal-proċess

korsija mnejn kien ġej it-trakk tal-attur meta kien diġa' semgħu ġej lejh[19]. Jgħid li waqaf fejn kien u li kien is-sewwieq tat-trakk li kien distratt iħares lejn xi ħaddiema oħra li kienu biswit iż-żiemel tat-trakk li kien qed jinħatt;

Illi meta wieħed iqis dawn ir-riżultanzi kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li għal dak li jirrigwarda **r-responsabbilta' għall-ħabta** din kienet taż-żewġ sewwieqa ndaqs, billi t-tnejn li huma jaħtu għal nuqqasijiet li wasslu biex ikkawżaw il-ħabta. Il-Qorti tasal għal din il-fehma għaliex, mill-imsemmija fatti, toħroġ stampa fejn iż-żewġ sewwieqa naqsu milli jħarsu l-obbligi ewlenin li l-liġi tgħabbi bihom lis-sewwieqa, jiġifieri dak li jmisshom jirregolaw is-sewqan skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi ta' madwarhom, u l-ieħor li, f'kull waqt, joqogħu attenti għal kulma jkun qiegħed jiġri dak il-ħin[20]. Għalkemm sewqan b'veloċita' għolja minnu nnifsu m'huwiex il-kejl tar-responsabbilta' ta' ħabta, meta dak is-sewqan iġib lis-sewwieq – f'dan il-każ lil Charles Aġius – f'qagħda li ma jkunx jista' jikkontrolla l-vettura li qed isuq, allura dik il-ħeffa ssir element kontributorju tal-ħabta, aktar u aktar meta wieħed iqis li f'dak il-post mhux għaqli li wieħed jaqbeż ċerta veloċita' u minħabba l-eżistenza ta' bosta mezzi u vetturi oħrajn li jkun mistenni li wieħed jiltaqa' magħhom ħerġin minn wara l-*containers* stivati. Bl-istess mod, sewwieq li – bħall-imħarrek – ikun midħla tal-post, m'għandux b'abbuż jew bla ma jqis għemilu jaqbad u jagħmel manuvra li joħroġ minn wara vettura wieqfa ġol-korsija li tista' tkun qiegħda tintuża minn vetturi oħrajn, u dan aktar u aktar meta jkun jaf li ġejja vettura fuq dik il-korsija li ma tistax tarah qabel ma joħroġ 'il barra mnejn ikun. Imbagħad il-fatt li s-sewwieq tat-trakk tal-attur kien qiegħed isuq x'aktarx wisq 'il barra mil-linja tal-*containers* stivati fuq ix-xellug tiegħu ma jidhirx li huwa xhieda ta' mġiba għaqlija, l-aktar meta hu ra li, fuq in-naħa tal-lemin tiegħu, kien hemm wieqaf żiemel ta' trakk ieħor bi *trailer* li kien qed jinħatt u li, allura, kien qiegħed "idejjaq" il-mogħdija li kien qed isuq fiha;

---

[19] *Ibid.* f'paġ. 89 tal-proċess

[20] P.A. RCP **26.4.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. et noe vs Joseph Camenzuli*** [Ċit. 427/97] u P.A. PS **21.10.2002** fil-kawza fl-ismijiet ***Stefan*** *Bonello vs Carmelo Abela* [Ċit. 1246/92]

Illi, minħabba f'din il-fehma, l-Qorti m'hijix sejra tilqa' għal kollox l-ewwel talba attriċi, iżda sejra tqis li kull sewwieq f'din il-ħabta jaħti ndaqs għaliha;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa għal-**likwidazzjoni tad-danni mitluba** mill-attur *proprio* u *nomine*. Hekk irid isir ladarba hija waslet għall-fehma li l-imħarrek jaħti wkoll għall-ħabta. Fil-każ tal-lum, l-attur *proprio* u *nomine* talab kumpens ta' somma determinata, "jew ammont ieħor verjuri". Waħda mill-eċċezzjonijiet tal-imħarrek hi li l-ammont mitlub huwa "gonfjat u eżaġerat għall-aħħar". Il-pretensjonijiet tal-attur *proprio* u *nomine* dwar id-danni mġarrba jinbnew fuq (a) nefqa ta' partijiet tat-trakk li kellhom jinbidlu, (b) xogħol biex saret it-tiswija tat-trakk u xogħol ta' *spraywork* fuqu, u (ċ) kiri ta' trakk ieħor sakemm saret it-tiswija. Il-kontestazzjoni tal-imħarrek tmur biss lejn dik taħt l-ewwel għamla ta' kumpens mitlub;

Illi din il-kontestazzjoni tinbena fuq il-fatt li jidher li l-attur *proprio* u *nomine* jressaq talba ta' kumpens dwar l-istess ħwejjeġ darbtejn. Jidher li l-imħarrek f'dan għandu raġun. Mir-rapport tas-*surveyor* jidher li l-partijiet tat-trakk li kellhom jinbidlu kienu : (i) il-*grille* ta' quddiem, (ii) ir-*radiator grille frame*, (iii) l-*intercooler* tal-makna, (iv) ir-*radiator* innifsu, (v) *hose pipe* tal-*intercooler*, (vi) l-ilqugħ tar-rewwieħa tar-*radiator*, (vii) l-għatu tar-rewwieħa tar-*radiator*, u (viii) il-likwidu biex jimtela r-*radiator*. Mill-provi ħareġ li r-*radiator* sar minn ditta Maltija u ma tħalliex jinġieb minn barra. Ir-raġuni li ngħatat għal dan kienet li ladarba t-trakk ma kienx għadu jinħareġ fuq it-triq (dak inhar tal-ħabta kien ilu jterraq għal madwar sittax-il sena) ma kienx jagħmel sens (ekonomiku) li jinġiebu minn barra partijiet ġodda jekk setgħu jsiru hawn Malta. L-attur *proprio* u *nomine* ressaq dokument[21] li juri stima ta' partijiet minn barra. L-attur *proprio* madankollu, jistqarr[22] li s-*surveyor* kien qallu li r-*radiator* seta' jsir minn ditta hawn Malta u kien aċċetta li jsir hekk. L-istess attur ressaq ukoll kont u riċevuta[23] li juru x-xogħol tar-*radiator* ġdid u tal-*intercooler* li saru minn ditta Maltija. Huwa minnu li jista'

[21] Dok "C4", f'paġ. 14 tal-proċess
[22] Xhieda tiegħu 2.6.2008, f'paġġ. 108 – 9 tal-proċess
[23] Dok "Ċ3", f'paġ. 13 tal-proċess

jkun li l-attur *proprio* u *nomine* seta’ ħallas ukoll l-istima maħruġa mid-ditta ingliża, iżda ma wera l-ebda riċevuta dwar dan. Ix-xhieda ta’ Nicolette Bonello[24] li tgħid li dejjem ħallset kulma s-sidien tagħha ordnawlha tħallas ma tikkostitwix, fiha nnifisha, l-prova li l-attur tassew ħallas dik l-istima jew għażel li jordna kull biċċa tagħmir li tissemma fiha. Minbarra dan, għal dak li jikkostitwixxi l-likwidazzjoni tad-danni, jrid jintwera li l-parti mġarrba tkun tassew nefqet dak li kien meħtieġ u bħala konsegwenza diretta tal-ġrajja dannuża;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li n-nefqa tal-attur *proprio* u *nomine* dwar il-partijiet il-ġodda li tqiegħdu fit-trakk titla’ għal elfejn ħames mija u disgħa u tletin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (€ 2,539.55)[25]. Billi ma tressqet l-ebda kontestazzjoni min-naħa tal-imħarrek dwar il-kapijiet l-oħrajn tad-danni pretiżi u billi ma nġabet l-ebda raġuni tajba għaliex dawk il-pretensjonijiet m’għandhomx jintlaqgħu, il-Qorti qiegħda tillikwida n-nefqa ta’ xogħol ta’ bdil tal-partijiet ġodda tat-trakk u xogħol ta’ *spraywork* fis-somma ta’ ħames mija u sitta u sebgħin euro u tnejn u ħamsin ċenteżmi (€ 576.52)[26]. Tillikwida wkoll is-somma ta’ tmint elef sitt mija u tmintax-il euro u sitta u sittin ċenteżmi (€ 8,618.66)[27] bħala nefqa għall-kiri ta’ trakk ieħor sakemm intemmu x-xogħlijiet tat-tiswija. B’kollox id-danni likwidati jitilgħu għal ħdax-il elf seba’ mija u erbgħa u tletin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmi (€ 11,734.73);

Illi minħabba li l-imħarrek jaħti bin-nofs għall-ħabta, irid jagħmel tajjeb għal nofs l-ammont likwidat, jiġifieri għal ħamest elef tmien mija u sebgħa u sittin euro u sebgħa u tletin ċenteżmi (€ 5,867.37);

Illi l-attur *proprio* u *nomine* talab ukoll il-ħlas tal-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata b’effett minn meta l-imħarrek laqa’ għandu n-notifika tal-atti tal-kawża. Huwa minnu li, bħala prinċipju, *in illiquidis non contrahitur mora*, iżda din il-Qorti tilqa’ dik id-dottrina li tgħid li dan il-prinċipju jgħodd sakemm id-dewmien ma jkunx jaħti għalih id-debitur

[24] Xhieda tagħha 22.9.2008, f’paġġ. 119A – 120 tal-proċess
[25] Lm 671.79 (Dok “Ċ3”) + £Stg 1131.22 (parti minn Dok “Ċ4”)
[26] Lm 100 (Dok “Ċ1”) + Lm 147.50 (Dok “Ċ2”)
[27] Lm 3,699.99 (Dok “NB”)

interpellat[28]. Din l-eċċezzjoni tapplika wkoll fejn l-ammont likwidat ikun anqas minn dak mitlub speċifikatament fl-att taċ-ċitazzjoni[29]. F'din il-kawża ġara hekk, imma l-pretensjoni tal-attur *proprio* u *nomine* kienet tipprevedi wkoll din il-possibilita' billi ħasbet għall-possibilita' li l-Qorti ma tilqax it-talba dwar is-somma kollha pretiża. Fid-dawl ta' dan, għalhekk, din il-Qorti tqis li l-attur *proprio* u *nomine* għandu raġun jistenna li kull somma li sejjer jingħata bħala kumpens għall-ħsara mġarrba minnu tagħti l-imgħax minn dakinhar li l-imħarrek laqa' n-notifika tar-Rikors Maħluf. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li n-notifika saret fis-16 ta' Ġunju, 2006[30];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' biss f'parti l-ewwel talba attriċi** u **tilqa' f'parti l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek billi ssib li ż-żewġ sewwieqa kienu jaħtu ndaqs għall-ħabta li seħħet fit-13 ta' Settembru, 2005, għall-ħabta tat-15.30 fil-*Container Storage Depot* f'Ħal Far, bejn it-trakk tal-attur *proprio* u *nomine* reġistrat CHQ-097 misjuq minn Charles Aġius u l-*fork-lifter* reġistrat EAC-801 misjuq mill-imħarrek;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonjiet** tal-imħarrek għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ħsara u d-dannu mġarrbin mill-attur *proprio* u *nomine minħabba l-imsemmija ħabta* fis-somma ta' ħdax-il elf seba' mija u erbgħa u tletin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmi (€ 11,734.73) li l-imħarrek irid jagħmel tajjeb għal nofsha ladarba kien jaħti ndaqs għall-imsemmija ħabta;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur *proprio* u *nomine* s-somma ta' ħamest elef tmien mija u sebgħa u sittin euro u sebgħa u tletin

[28] Ara Giorgi <u>*Delle Obbligazioni*</u>; u wkoll App. Ċiv. **23.6.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona pro et noe vs Asphar et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.181**)
[29] Kumm.**15.1.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Buttiġieġ vs Said*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.599**); App. Ċiv. **28.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Korporazzjoni Enemalta vs Penza Construction Ltd et***
[30] Paġ. 17 *tergo* tal-proċess

ċenteżmi (€ 5,867.37), bħala sehem likwidat dovut minnu bħala danni kif fuq ingħad, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mis-16 ta' Ġunju, 2006, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tordna** li, bi tħaddim tar-regola fl-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imħarrek iħallas żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-**ispejjeż tal-kawża**, filwaqt li l-attur *proprio* u *nomine* jerfa' t-terz ($^{1}/_{3}$) l-ieħor.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------